NEWSPAPER POST DIĊEMBRU 2007 – FRAR 2008

# IL-MISSJUNARJU

MISSION FUND

Eureka Crt. Blk A / Flat 6 (Ground Floor), Main Street, MOSTA MST 1018
Tel / Fax: 2141 3664 Email: missionfund@global.net.mt

NO: 90



*MILIED ĦIENI U QADDIS*

CURIA ARCHIEPISCOPALIS
MELITEN

M15/20/11/07

IL-MISSJUNARJU – Diċembru 2007.

Wasalna qrib il-Milied. Fih se niċċelebraw it-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu fostna l-bnedmin.

Hemm ħafna modi kif niċċelebraw il-Milied bħala Nsara.

Peress li huwa Alla l-Missier li bagħat lil Ibnu fostna biex isalvana, irridu ngħixuh b'Radd il-Ħajr lil Alla l-Missier.

Peress li Alla ried li Ibnu jitwieled f'familja, irridu ngħixuh bħala Festa tal-Familja ta' Nazaret, kif ukoll bħala Festa taż-Żwieġ u tal-Familja, ta' kull Familja, anki tiegħi.

Peress li twieled taħt forma ta' tarbija, irridu ngħixuh bħala stagħġib: taħt il-forma ta' tarbija, hemm l-Iben ta' Alla fid-Divinita' tiegħu.

U peress li huwa avveniment li minnu stagħnew il-persuni kolha, irridu ngħixuh ukoll bħala Festa ta' kull Persuna, li stagħniet mill-miġja ta' Ġesu'. Ġesu' jgħidilna li hu xtaq lid an il-ġid jasal l-iktar lil min għandu bżonn, b'mid speċjali l-fqar.

U hawn jidħol il-Mission Fund, u kull organizzazzjoni li qed tagħmel ħilitha biex dan il-ġid jasal lejn il-fqar. Din il-ħidma hija t-tkomplija ta' din it-tifsira tal-Milied.

Nibgħat il-Barka tiegħi, fuq dawl li jmexxu l-Mission Fund, u dawk kollha li jgħinu lill-Mission Fund biex twettaq din il-missjoni, bil-għotjiet jew il-ħin tagħhom. Nibgħat ukoll il-Barka tiegħi fuq il-missjunarji kollha lit ant jagħmlu ġid fejn qegħdin, b'dawn l-għotjiet.

✠ Pawlu Cremona O.P.
Arċisqof ta' Malta.

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

-------------------- *aqta' hawn* --------------------

*Jiena* ________________________________________

*li noqgħod* ____________________________________

________________________________________________

________________________________________________

*qed nibgħat Lm* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

- - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - -

**Nixtiequ navżawkom bil-bdil ta' l-indirizz: Eureka Crt. Blk A, Flat 6 (Ground Floor), Triq il-Kbira, MOSTA MST 1018. In-numru tat-telefon jibqa l-istess 2141 3664.**



Il-Kumitat u l-membri tal-
**MISSION FUND** jawguraw
lill-benefatturi tagħhom

MILIED HIENI U SENA
MIMLIJA BARKA U PAĊI
FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħtuna matul is-sena 2007.

Il-Kumitat